Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,636, 1 ta' Ġunju, 2021
Taqsima B

A.L. 231 tal-2021

KODIĊI KRIMINALI
(KAP. 9)

Regolamenti tal-2021 dwar Skambju ta' Informazzjoni u Rappurtar ta' Reati dwar Frodi u Falsifikazzjoni ta' mezzi ta' Pagament Mhux bi Flus Kontanti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 310K tal-Kodiċi Kriminali, il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar Skambju ta' Informazzjoni u Rappurtar ta' Reati dwar Frodi u Falsifikazzjoni ta' mezzi ta' Pagament Mhux bi Flus Kontanti.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2019/713 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI.

Punt operazzjonali ta' kuntatt nazzjonali.

Kap. 9.

2. (1) Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta huwa b'dan maħtur bħala l-punt operazzjonali ta' kuntatt nazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 14 tad-Direttiva (UE) 2019/713, għall-skopijiet ta' skambju ta' informazzjoni relatati ma' reati stabbiliti fl-artikolu 310F u fl-artikolu 310H tal-Kodiċi Kriminali.

(2) Il-punt ta' kuntatt nazzjonali għandu jkun disponibbli erbgħa u għoxrin (24) siegħa kuljum, sebat (7) ijiem fil-ġimgħa u għandu jkollu proċeduri fis-seħħ sabiex jitrattaw minnufih talbiet urġenti għall-assistenza.

(3) Il-punt ta' kuntatt nazzjonali għandu jwieġeb kull talba għall-assistenza fi żmien tmien (8) sigħat minn meta jirċievi t-talba, billi tal-inqas jindika jekk hux ser ikun hemm tweġiba għat-talba, il-forma ta' tali tweġiba u ż-żmien stmat li fih din tintbagħat.

Inkoraġġiment tar-rappurtar ta' reati.

Kap. 9

3. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali għandu jinkoraġġixxi r-rappurtar, mingħajr dewmien bla bżonn, b'mod partikolari mill-istituzzjonijiet finanzjarji, ta' frodi suspettati u falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux fi flus kontanti kif imsemmi fl-artikolu 310F u fl-artikolu 310H tal-Kodiċi Kriminali.

Assistenza u appoġġ lill-vittmi.

4. (1) Il-punt ta' kuntatt nazzjonali għandu:

(a) joffri informazzjoni speċifika u pariri dwar kif jistgħu jipproteġu lilhom infushom kontra l-konsegwenzi negattivi tar-reati, bħall-ħsara għar-reputazzjoni; u

(b) jipprovdi lista ta' istituzzjonijiet speċjalizzati li jittrattaw aspetti differenti ta' reati relatati mal-identità u l-appoġġ għall-vittmi,

għal persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkunu sofrew dannu bħala riżultat ta' xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 310F u fl-artikolu 310H tal-Kodiċi Kriminali, meta tali reati twettqu bl-użu ħażin tad-*data* personali.

Kap. 9.

(2) Persuni ġuridiċi li huma vittmi tar-reati msemmija fl-artikolu 310F u fl-artikolu 310H tal-Kodiċi Kriminal għandhom jiġu offruti, mingħajr dewmien bla bżonn, wara l-ewwel kuntatt tagħhom ma' punt ta' kuntatt nazzjonali:

Kap. 9.

(a) il-proċeduri dwar kif isiru lmenti fir-rigward tar-reat u r-rwol tal-vittma f'tali proċeduri;

(b) id-dritt li jirċievu informazzjoni dwar il-każ skont il-liġi nazzjonali;

(ċ) il-proċeduri disponibbli biex isiru lmenti jekk il-punt ta' kuntatt nazzjonali ma jirrispettax id-drittijiet tal-vittma tul il-proċeduri kriminali;

(d) id-dettalji ta' kuntatt għall-komunikazzjonijiet dwar il-każ tagħhom.

(3) Il-punt ta' kuntatt nazzjonali għandu jkun responsabbli għat-twaqqif ta' għodod uniċi ta' informazzjoni online biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-assistenza u l-appoġġ għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu sofrew dannu bħala riżultat ta' xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 310F u fl-artikolu 310H tal-Kodiċi Kriminali, meta tali reati twettqu bl-użu ħażin tad-*data* personali.

Kap. 9.

Prevenzjoni.

5. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali għandu jwettaq, fuq bażi regolari, kampanji ta' informazzjoni u li jqajmu kuxjenza u programmi ta' riċerka u ta' edukazzjoni, inkluż permezz tal-internet, bil-għan li b'mod ġenerali titnaqqas il-frodi, tiżdied il-kuxjenza u jitnaqqas ir-riskju li wieħed jisfa vittma ta' frodi.

Monitoraġġ u statistika.

6. (1) Il-punt ta' kuntatt nazzjonali u l-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati għandhom jistabbilixxu sistema għar-reġistrazzjoni, il-produzzjoni u l-għoti ta' *data* statistika anonimizzata li tkejjel il-fażijiet ta' rappurtar, investigattivi u ġudizzjarji li jinvolvu r-reati msemmija fl-artikolu 310F u fl-artikolu 310H tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

(2) Id-*data* statistika msemmija fis-subregolament ta' qabel għandha, bħala minimu, tkopri *data* eżistenti dwar l-għatt ta' reati msemmija fl-artikolu 310F u fl-artikolu 310H tal-Kodiċi Kriminali u l-għadd ta' persuni mħarrka u li nstabu ħatja fir-rigward tar-reati msemmija fl-artikolu 310F u fl-artikolu 310H tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.